SANTA LUĊIJA

**MINUTI – IL-ĦAMES KUNSILL**

**LAQGĦA NUMRU 2709**

Ilum is-Sibt, 25 ta' April 2009
Il-Kunsill iltagħqa fl-Uffiċċju Amministrattiv, 5/6 Binja tal-Faqqani, Santa Luċija fid-9.30am.

**PREŻENTI**

Is-Sindku Frederick Cutajar, il-Viċi Sindku Joe Balzan u l-Kunsilliera: Caroline Galea, Joseph Bonello u Paulette Gafa`.

**ASSENTI**

Ħadd

**TALBA**

Is-Sindku qal it-talba.

**1. MINUTI**

Il-Minuti tal-Laqgħa Numru 2609 li saret nhar it-Tlieta, 10 ta' Marzu 2009 ġew moqrija u approvati.

## 1.1 Mill-Minuti

**1.1.1** Il-Viċi Sindku rrefera għal minuta 1.1.2 tal-laqgħa preċedenti u staqsa dwar ir-*reserved parking* li kellu jitneħħa minn Pjazza Dorell. Is-Sindku wieġeb li kien kelmu resident li għandu l-*blue sticker* u qallu li meta jmur jixtri mill-ħwienet ta' Pjazza Dorell mhux qed isib fejn jipparkja peress li r-*reserved parking* l-oħra li hemm f'dan il-post tkun dejjem okkupata minn vettura ta' resident ieħor li għandu l-*blue sticker* u joqgħod f'din l-*area*. Il-Kunsill iddiskuta din il-problema u ppropona li minflok titneħħa din ir-*reserved parking bay*, għandu jsir *sign* li jaqra '*reserved for blue sticker holders from 7.00a.m. to 7.00p.m*'. Fid-deċiżjoni tiegħu l-Kunsill ħa ħsieb li dawk il-persuni li għandhom il-*blue sticker* isibu jipparkjaw meta jmorru jixtru mill-ħwienet ta' Pjazza Dorell u fl-istess waqt din ir-*reserved parking bay* ma tibqax vojta matul il-lejl kif qed isir bħalissa. Din il-proposta għandha tintbagħt għall-attenzjoni tal-Kummissjoni Persuni b'Disabilita'.

**1.1.2** Il-Kunsillier Bonello staqsa jekk kienx hemm xi *feedback* mill-Awtorita' Dwar it-Trasport dwar proposta li għamel il-Kunsill biex issir bankina fi Triq Ġuljetta Lopez. Huwa qal ukoll li qed ikun hawn *parking* bl-addoċċ u barra mill-*parking bays*. Is-Sindku ppropona li għandhom isiru tabelli biex is-sewwieqa jipparkjaw fil-*parking bays*. Huwa qal li kien infurmat li fejn hemm tabella hemm liġi. Il-Kunsill ippropona li għandhom isiru tabelli fid-dħul ta' Santa Luċija b'avviż li jgħid li ġo Santa Luċija il-*parking* għandu jsir eżatt fil-*parking lines* kif suppost. Għandha tintalab l-approvazzjoni ta' l-Awtorita' Dwar it-Trasport għal din il-proposta.

## 2. KORRISPONDENZA

### 2.1. *Listi*

Lista tal-korrispondenza riċevuta u lista oħra tal-korrispondenza mibgħuta mill-Kunsill bejn l-10 ta' Marzu u l-25 t' April 2009 ġew ippreżentati fil-laqgħa.

Kopja taż-żewġ listi tqassmu lill-Kunsilliera kollha.

### 2.2 *Korrispondenza miġjuba għall-attenzjoni tal-Kunsill*

#### 2.2.1 *Ittri mibgħuta mill-Kunsill:*

- 350/09/O – Dipartiment għall-Gvern Lokali – *Policy* Dwar *Open Storage*
- 356/09/O – MRRA - Xogħol ta' Manutenzjoni fil-*Jogging Track*
- 404/09/O – Employment and Training Corporation – *Community Work Scheme*

### 2.2.2 *Ittri li rċieva l-Kunsill:*

- 313/09/I – European Union Programmes Agency – *Youth in Action Programme*
- 315/09/I – Kulleġġ San Tumas Moore – Donazzjoni ta' kotba għall-librerija
- 319/09/I – Alfred Curmi – *Pisa Half Marathon*
- 345/09/I – Malta Institute for Computer Science – *Computer Courses for Residents*
- 352/09/I – Dipartiment għall-Gvern Lokali – Allokazzjoni Finanzjarja 2009-2010
- 376/09/I – L-Onor. Dr Chris Said – *ETC 'Community Work Scheme'*
- 416/09/I – Dipartiment għall-Gvern Lokali – *Memo* 20-2009 – Applikazzjonijiet għall-programm *Leader*
- 450/09/I – Dipartiment għall-Gvern Lokali – 24/2009 – Skema dwar Aċċessibilita' aħjar fil-Lokalitajiet
- 466/09/I – MEUSAC – *Rural Development Funds*
- 501/09/I – Residenta – Ittra dwar il-konferenza "*Promoting Intercultural Dialogue*"
- 511/09/I – Residenta – ittra ta' ringrazzjament
- 518/09/I – Parliamentary Secretariat fo Public Dialogue and Information – *Eden Award* 2009
- 540/09/I – Dipartiment għall-Gvern Lokali – *Memo* 25/2009 Fondi Speċjali għal-Lokalitajiet bi Bżonnijiet Speċjali
- 544/09/I – MHEC – '*Get Malta Moving*"

### 2.3 *Rapporti u Dokumenti oħra ppreżentati lil Kunsill:*

- SLLC *Memo* 4/2009 – Żjara minn Delegazzjoni Ċiniża minn Suzhou
- SLLC *Memo* 5/2009 – *Insurance Policy* tal-Kunsill
- SLLC *Memo* 6/2009 – "*Promoting Intercultural Dialogue in Europe*"
- SLLC *Memo* 7/2009 – Laqgħa tal-Kunsill

Kwotazzjonijiet għal Ġbir ta' Skart Domestiku

Ħlas lill-Kuntrattur għal xogħolijiet ta' manutenzjoni ta' bankini

- SLLC *Memo* 8/2009 – Tindif tal-passaġġ li hemm wara l-girna
- SLLC *Memo* 9/2009 – Sparar tal-festa fl-okkażjoni tal-festa ta' Marija Annunzjata f'Ħal Tarxien

## 3. PUNTI MQAJMA

**3.1** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 313/09/I il-Kunsilliera Paulette Gafa` nfurmat lil Kunsill li kienet attendiet għal *seminar* li sar f'Ħal Tarxien mill-European Union Programmes Agency. Hija qalet li teżisti l-possibilita' li l-Kunsill jingħaqad ma' grupp ta' Kunsilli oħra biex isiru proġetti għaż-żgħażagħ mill-fondi ta' l-Unjoni Ewropea.

**3.2** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 315/09/I il-Kunsill iddiskuta ittra mill-Kulleġġ Sir Thomas Moore dwar donazzjoni ta' kotba. Fil-kummenti tiegħu s-Sindku qal li d-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni għandu bżonn ibiddel l-attitudni tiegħu lejn is-Sindki u l-Kunsilliera għar-raġunijiet diversi. Huwa semma fost oħrajn id-dritt li għandhom il-Kunsilli Lokali li jinnominaw il-President tal-Kunsill Skolastiku u qal li dan m'għadux isir. Huwa qal li kien ser ikellem lil Kunsill ta' Ħal Tarxien dwar dan.

**3.3** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 345/09/I il-Kunsill qabel li ssir laqgħa ma' rappreżentanti tal-Malta Institute for Computer Science dwar korsijiet tal-kompjuter għar-residenti.

**3.4** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 352/09/I, is-Sindku rrefera għall-allokazzjoni finanzjarja li ser jirċievi l-Kunsill għas-sena 2009-2010. Huwa qal li din tammonta għas-somma ta' €267,546 u ta rendikont ta' kif din qed tiġi mqassma skond il-funzjonijiet. Ġie nnutat li l-ammonti allokati għall-manutenzjoni tat-toroq u għat-tindif tat-toroq iridu bilfors jiġu utilizzati għal dan l-iskop jekk ma jkunx hemm l-awtorizzazzjoni bil-miktub tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali biex jintużaw għal skopijiet oħra.

**3.5** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 376/09/I is-Sindku rrefera għal *Community Work Scheme* li ġiet imħabbra riċentament u qal li l-Kunsill kien talab għal għaxar ħaddiema biex jagħmlu xogħol ta' manutenzjoni fil-Ġnien Ċiniż.

**3.6** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 416/09/I is-Sindku semma l-programm *Leader* u n-*National Rural Develepment Agency* li tagħha l-Kunsill ta' Santa Luċija kien membru. Huwa qal li jidher li din l-organizzazjoni sfaxxat u

għaldaqstant il-Kunsill għandu jintegra ma' grupp ieħor. Huwa għandu jkellem lil Kunsill taż-Żejtun dwar dan.

3.7 B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 450/09/I il-Kunsill iddiskuta *Memo* 24/2009 dwar skema dwar aċċessibilita' aħjar fil-lokalitajiet. Is-Sindku qal li l-Kunsill ta' Santa Luċija m'għandux aċċessibilita' fl-ufficini tal-Kunsill u mhux possibli li ssir rampa. Huwa qal li kien ser jikteb lil-Onor. Chris Said b'tentattiv ieħor biex il-Kunsill jingħata l-Għassa tal-Pulizija minn fejn ikun jista' jopera. Kopja ta' l-ittra għandha tintbagħt lil Onor. Karmenu Mifsud Bonnici u lil Kunsilliera Caroline Galea.

3.8 B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 466/09I is-Sindku rrefera għal fondi msejħa – *rural development funds* – li permess tagħhom il-Kunsill seta' japplika għal fondi għal numru ta' proġetti. B'referenza għall-lista ta' proġetti elenkati fil-korrispondenza msemmija, is-Sindku ppropona li ssir laqgħa mal-MEUSAC biex jiġu identifikati l-proġetti li setgħu jsiru fil-Ġnien tas-Serenita' biex dan isir aktar attrajenti għat-turisti.

3.9 B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 518/09/I is-Sindku rrefera għal minuta numru 3.2 tal-laqgħa preċedenti fejn il-Kunsill kien qabel li jipparteċipa fl-*Eden Award*. Is-Sindku qal li minn informazzjoni li ġabar il-Kunsill dwar dan l-*award* irriżulta li t-tema għal din is-sena kienet *tourism and protected areas* jiġifieri l-mod ta' kif żoni li huma elenkati bħala protetti mill-liġi qegħdin b'xi mod jiġu żviluppati sostenibbilment u jintużaw bħala mezz biex jattiraw turisti lejhom. Huwa qal li ġo Santa Luċija m' hawnx żoni protetti, għaldaqstant ma kienx possibli li l-Kunsill jipparteċipa.

3.10 B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 540/09/I dwar *memo* 25/2009 – Fondi Speċjali għal Lokalitajiet bi Bżonnijiet Speċjali, is-Sindku qal li kien ser jikteb lil Onor. Chris Said dwar il-bżonn li jsir restawr tal-Ġnien Ċiniż. Huwa qal li l-Kunsill jingħata fondi għal manutenzjoni ta' dan il-ġnien, iżda wara ħdax-il sena dan il-ġnien partikolari għandu bżonn ta' restawr ta' l-istrutturi kollha ta' l-injam. Fil-kummenti tiegħu s-Sindku qal li dan il-ġnien huwa patrimonju tal-poplu Malti u l-Gvern Ċentrali għandu jara li dan jiġi restawrat kif jixraq. Is-Sindku ppropona wkoll li titħejja proposta biex isiru *Artisian's huts* fil-*Picnic Area*.

## 4. KOMUNIKAZZJONIJIET

### 4.1 *Rapport ta' l-Ispezzjonijiet minn Diċembru 2008 sa Marzu 2009*

Is-Sindku nforma l-Kunsill dwar rapport ta' spezzjonijiet dwar kundizzjoni ta' toroq urbani u ndafa. Il-Kunsill iddiskuta dan ir-rapport u qabel li jiġi verifikat liema huma t-toroq jew il-parti tat-triq li qed jidhru bħala 'triq bla isem'. Il-Kunsill qabel ukoll li għandha tintbagħt ittra lil ADT dwar toroq li għandhom aktar minn 60% ħsara li jaqgħu taħt ir-responsabilita' tal-Gvern Ċentrali. Ġie deċiż ukoll li għandu jintbagħt *reminder* ieħor dwar Triq Inez Soler li suppost tlestit sa l-aħħar tas-sena 2008. Rapport ieħor li tressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill kien dwar spezzjonijiet li saru dwar marki u sinjali tat-toroq. Is-Sindku qal li l-*handyman* tal-Kunsill ser ikun qed jara x'manutenzjoni hemm bżonn issir skond dan ir-rapport.

### 4.2 *SLLC Memo 9/2009*

Il-Kunsill iddiskuta t-talba li saret biex il-Kunsill jagħti l-approvazzjoni tiegħu biex jinħaraq in-nar tal-festa ta' Ħal Tarxien mill-għalqa magħrufa bħala 'Ta l-Isqajjaq t'isfel' fil-limiti ta' Santa Luċija. Il-Kunsill qabel li tingħata l-approvazzjoni b'dawn il-kundizzjonijiet: li tiġi osservata l-liġi d'dik li hija distanza mir-residenti, li l-Pulizija tassigura li l-bombi li jiġu sparati huma skond il-liġi, li jkun hemm il-preżenza tal-*fire-engine* u jsir it-tindif meħtieġ jekk ikun hemm il-bżonn.

### 4.3 *Bye-Laws Dwar l-Amministrazzjoni ta' Ġnien is-Serenita'*

Is-Sindku nforma l-Kunsill dwar komunikazzjoni li kien hemm mad-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar kontra proposti ta' l-emendi li kien qed jagħmel il-Kunsill fir-rigward tal-*bye-laws* hawn fuq imsemmija. Il-kontra proposti kienu tnejn kif ġej:

1. Attivitajiet Kummerċjali – funzjonijiet privati minn entitajiet kummerċjali bil-ġnien magħluq għal pubbliku - il-ħlas dovut minn €2000 isir €1000,

2. Attivitajiet Mhux Kummerċjali – funzjonjiet privati bħal *receptions* ta' tiġijiet etċ. bil-ġnien magħluq għall-pubbliku – il-ħlas dovut minn €1500 isir €1000.

Fir-rigward ta' l-ewwel kontra proposta il-Kunsill ma qabilx li entita' kummerċjali tħallas biss €1000 għall-użu tal-Ġnien. Fil-kummenti tiegħu l-Kunsill qal li qabel ma' ħareġ b'din l-emenda sar eżerċizzju fuq entitajiet simili u l-Kunsill mexa fuq il-prezz tas-suq.

Fir-rigward tat-tieni kontra proposta l-Kunsill aċċetta li l-ħlas dovut għandu jkun ta' €1000 minflok €1500.

Il-Kunsill qabel ukoll li fejn hemm attivitajiet mhux kummerċjali għall-użu tal-ġnien għal attivitajiet filantropiċi, għandha tiżdied ukoll il-kelma soċio politiċi.

### 4.4 *Kwotazzjoni għal Flood Lights*

Is-Sindku nforma l-Kunsill dwar kwotazzjoni ta' xogħol ta' sistema ta' *floodlighting* għall-*area* ta' ħdejn il-Klabb tal-Boċċi. Il-kwotazzjoni kienet tal-kuntrattur Nexos u tammonta għas-somma totali ta' €1358.64. Il-Kunsill ħass li din l-ispiża ser tiġi għolja u ġie deċiż li tinġieb kwotazzjoni oħra mingħand kuntrattur ieħor.

### 4.5 *Memo 11/2009 – Proġetti Pilota għat-Tfassil ta' Strateġija ta' Żvilupp Sostenibbli*

Is-Sindku rrefera għal minuta 3.3 tal-laqgħa preċedenti fejn il-Kunsill kien qabel li ssir applikazzjoni biex isir parti mill-proġett tal-*Promanade* fi Triq il-Prinjoli u Dawret it-Torri. Huwa spjega kif dan il-proġett kien maqsum f'żewġ fażijiet bi stima ta' xogħol li taqbeż il-mitt euro kull fażi. Għaldaqstant ma kienx possibli li ssir applikazzjoni peress li l-fond imsemmi f'*memo* 11 kien biss sa massimu ta' €25,000.

### 4.6 *Ftehim ta' koperazzjoni mal-MEUSAC*

Il-Kunsill qabel li jiġi ffirmat ftehim ta' koperazzjoni bejn il-Kunsill ta' Santa Luċija u l-MEUSAC li ser jintrabtu biex jaħdmu flimkien biex jitħejjew applikazzjonijiet għal fondi mill-Unjoni Ewropea għal proġetti tal-Kunsill.

### 4.7 *Riforma fil-liġi tal-Kunsilli Lokali*

Il-Viċi Sindku tkellem dwar il-*breakfast meeting* li attenda għalih, fejn dawk preżenti ngħataw informazzjoni dwar ir-riforma fil-liġi tal-Kunsilli Lokali. Huwa kkummenta dwar il proposti u qal li bihom tonqos l-awtonomija tal-Kunsilli Lokali. Is-Sindku kkummenta dwar kif ġew imqassma r-reġjuni l-ġodda u dwar il-fatt li l-lokalita' ta' Santa Luċija nqatat minn mar-reġjun li fih hemm il-lokalita ta' Ħal Tarxien u Raħal Ġdid. Huwa qal li anke storikament, Santa Luċija ħarġet mill-lokalita' ta' Ħal Tarxien biex issa ser tkun qed tagħmel parti minn reġjun ieħor. Huwa qal li kien ser jikteb lil Onor. Chris Said dwar dan.

## 5. AFFARIJIET FINANZJARJI

### 5.1 *Ħlas ta' pagamenti*

Approvazzjoni għall-ħlas ta' kontijiet permezz ta' ċekkijiet minn numru 2486 sa numru 2537 kif illistjati fl-iskedi tal-pagamenti għax-xahar ta' Marzu (01-02)

Lista ta' *Schedule of Payments* ingħatat lil Kunsillieri kollha.

### 5.2 *Approvazzjoni għall-Ħlas tas-Salarji*

| | | |
|---|---|---|
| Salarji għax-xahar ta' Marzu 2009 | Ammont *Gross* | €4777.47 |

### 5.3 *Approvazzjoni għall-Ħlas ta' Talbiet dwar Kumpens (Expense Claims)*

| | | |
|---|---|---|
| Frederick Cutajar (Sindku) | ADSL-Frar 09 | €20.33 |
| Frederick Cutajar (Sindku) | ADSL-Mar. 09 | €20.33 |
| Frederick Cutajar (Sindku) | *Ferry tkt Mayor's Conf.*-Mar. 09 | €20.35 |
| Frederick Cutajar (Sindku) | użu ta' trasp. pers.-Frar 09 | €44.80 |
| Joe Balzan (Viċi Sindku) | użu ta' trasp. pers.-Frar 09 | €32.80 |
| Joe Balzan (Viċi Sindku) | użu ta' trasp.pers.-Mar. 09 | €42.02 |
| Joe Balzan (Viċi Sindku) | ADSL 02/03/09-21/06/09 | €41.58 |
| Joe Balzan (Viċi Sindku) | użu ta' mob. pers.-Mar. 09 | €34.28 |
| Joe Balzan (Viċi Sindku) | użu ta' trasp. pers-April 09 | €12.08 |
| Joe Bonello (Kunsillier) | użu ta' mob. pers.-Mar. 09 | €32.00 |
| Joe Bonello (Kunsillier) | ADSL 17/04/09-15/07/09 | €96.78 |

### 5.4 *Approvazzjoni għall-Ħlas ta' Kontijiet dwar Xogħolijiet bil-Kuntratt:*

| Kuntrattur | Kuntratt | Kont | € |
|---|---|---|---|
| Ronald Bezzina | SS(57/09/01) | Serv. for March 09 | 1131.53 |
| ELC Ltd. | PKG57 | Serv. for March 09 | 2061.50 |
| Euro Clean Waste Services | BR(57/08/01) | Serv. for Feb.09 | 156.44 |
| Euro Clean Waste Services | BR(57/08/01) | Serv. for Dec.09 | 197.26 |
| Euro Clean Waste Services | BR(57/08/01) | Serv. for Jan.09 | 173.45 |
| Paul Cutajar | RC(57/07/02) | Serv. for Feb.09 | 1558.26 |

| | | | |
|---|---|---|---|
| Paul Cutajar | RC(57/07/02) | Serv. for Mar.09 | 1558.26 |
| Vodafone Malta Ltd. | 311653 | CM-Mayor Feb.09 | 89.40 |
| Vodafone Malta Ltd. | 312952 | CM-PABX Feb. 09 | 70.75 |
| Vodafone Malta Ltd. | 311655 | CM-ES Feb.09 | 50.11 |
| Vodafone Malta Ltd. | 311653 | CM-Mayor Mar.09 | 123.80 |
| Vodafone Malta Ltd. | 311655 | CM-ES Mar.09 | 31.32 |
| Vodafone Malta Ltd. | 312952 | CM-PABX Mar.09 | 81.64 |
| Cleansing Services Dept. | PC | Serv. Mar.09 | 507.73 |
| Cleansing Services Dept. | PC | Serv. for Feb.09 | 1224.71 |
| Koperattiva Tabelli u Sinjali | Sgns/Mkgs | Job Sheet 8420 | 112.19 |
| Manuf.& Serv.Dept. | Plumbing Section | Maint.Wks. | 34.26 |
| Nexos Street Lighting | Str. Lighting | Inv.2008327 | 367.36 |
| Karmig Trading Ltd. | RM/PF 57/05/03 | Pav. – Triq l-Anżalor | 6081.69 |
| Koperattiva Tabelli u Sinjali | Sgns/Mkgs | Inv.10912 | 135.83 |
| Koperattiva Tabelli u Sinjali | Sgns/Mkgs | Inv10913 | 74.90 |
| Koperattiva Tabelli u Sinjali | Sgns/Mkgs | Inv.10894 | 350.10 |
| Koperattiva Tabelli u Sinjali | Sgns/Mkgs | Inv.10895 | 59.23 |

6. **RAPPORT FINANZJARJU GĦAL PERJODU 1 T' APRIL 2008 – 31 TA' MARZU 2009**

Is-Segretarja Eżekuttiva resqet rapport finanzjarju għas-sena li tagħlaq fil-31 ta' Marzu 2009. L-Accountant tal-Kunsill is-Sur Patrick Caruana ta spjegazzjoni fid-dettall ta' kemm daħħal u nefaq flus il-Kunsill fil-perjodu msemmi. Ġie deċiż li l-Accountant għandu jagħmel nota ta' kif kienu mqassma l-ispejjeż li jaqgħu taħt "*Community and Hospitality*" u saru xi korrezzjonijiet li ma jaffetwawx il-bilanċi ta' dan ir-rapport. Ġie nnutat ukoll li l-Kunsill ser jgħalaq is-sena b'*surplus* ta' madwar €22,000. Il-Kunsill approva dan ir-rapport finanzjarju kif emendat.

7. **KUNTRATT TA' ĠBIR TA' SKART**

Is-Sindku nforma l-Kunsill li d-dokumenti ġodda ta' l-offerti għal kuntratt ta' ġbir ta' skart domestiku issa kienu lesti u ser jintbagħtu lil Kunsilli biex dawn ikunu f'pożizzjoni li joħorġu l-offerti. Il-Kunsill ikkonferma li kien ser ineħħi s-servizz tal-*bins on wheels* kif kien ġie deċiż fil-laqgħa preċedenti. Il-Kunsill qabel ukoll li jintbagħt l-avviż lir-residenti dwar is-sistema l-ġdida ta' ġbir ta' skart domestiku.

8. **KUNTRATT – MANUTENZJONI TA' TOROQ U BANKINI**

Is-Sindku rrefera għall-offerti li rċieva l-Kunsill nhar it-Tlieta, 14 ta' Apri 2009 għal kuntratt RMPF(57/09/02). Huwa nforma l-Kunsill li l-perit tal-Kunsill qed iħejji Adjudication Report dwar dawn l-offerti. Dan ir-rapport għandu jinġieb għall-attenzjoni tal-Kunsill fil-laqgħa li jmiss.

9. ***PERFORMANCE BONUS* TAL-ĦADDIEMA TAL-KUNSILL**

Il-Kunsill approva l-*performance bonus* tal-ħaddiema tal-Kunsill kif ġej:

| | |
|---|---|
| Caroline Silvio - Segretarja Eżekuttiva | 10% |
| Louise Gatt – Uffiċċjal Eżekuttiv | 6% |
| Claudia Costantino - Skrivana | 6% |

10. **LAQGĦA TAL-LOKALTA'**

Il-Kunsill qabel li l-laqgħa tal-lokalita' għas-sena 2009 għandha ssir nhar is-Sibt, 16 ta' Mejju fid-9.00a.m fis-Sala tal-Knisja Parrokjali San Piju X.

## 11. PJAN TA' ĦIDMA

Is-Segretarja Eżekuttiva nfurmat lil Kunsill li jrid isir pjan ta' ħidma għas-sena 2009-2010 biex jiġi pprezentat waqt il-laqgħa tal-lokalita'. Ġie deċiż li s-Segretarja Eżekuttiva għandha tħejji *draft* ta' dan ir-rapport.

## 12. ATTIVITAJIET FIX-XAHAR TA' MEJJU

### 12.1 *Enchanted Tales fi Ġnien is-Serenita'*

Il-Kunsill ġie nfurmat bl-attivita' li ser tittella' mill-Għaqda 'Appoġġ' bl-isem "*Enchanted Tales*" li ser issir fi Ġnien is-Serenita' nhar il-Ħadd, 17 ta' Mejju 2009 mill-10.00a.m 'l quddiem. Is-Sindku qal li din l-attivia' qed issir bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill.

### 12.2 *Organic Day*

Il-Kunsill ġie nfurmat li ser issir attivita' organizzata mill-Kunsill flimkien ma' l-WasteServ Malta Ltd. li matula ser jipparteċipaw it-tfal ta' l-iskola tas-*Saint Francis* u studenti mill-Kulleġġ San Benedittu Liċeo tal-Bniet Santa Luċija. Din l-attivita' hija miftuħa wkoll għar-residenti ta' Santa Luċija.

### 12.3 *Get Malta Moving*

Il-Kunsill ġie nfurmat li din l-attivita' ser issir nhar is-Sibt, 23 ta' Mejju 2009 mid-9.30a.m. sal-11.00a.m. Is-Sindku qal li l-Kunsill organizza din l-attivita' fl-okkażjoni tal-"*Move for Health Day*". Matul din l-inizjattiva ser issir *Fun Run* fil-*Jogging Track* bl-użu ta' l-*exersice stations* u ser jipparteċipaw il-*Football Nursery* u residenti u tfal ta' kull eta`. Ser jingħataw *t-shirts* għall-okkażjoni u ser ikun hemm ukoll *refreshments*.

## 13. TMIEM/AĠĠORNAMENT

Il-laqgħa ntemmet fis-1.00 p.m.

Il-Kunsill jerġa' jiltaqa' nhar it-Tlieta, 26 ta' Mejju 2009 fil-5.30p.m.

**Caroline Silvio**
**Segretarja Eżekuttiva**

**Approvati llum** IT-TLIETA
26 **ta'** MEJJU**, 2009**

**Frederick Cutajar**
**Sindku**